32001D0525

L 190/24 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 12.7.2001

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-28 ta' Gunju 2001

li temenda d-Deċiżjoni 2000/680/KE li tapprova pjanijiet ta' kontinġenza rigward il-kontroll ta' influwenza avjana u tal-marda ta' Newcastle

(innotifikata bid- dokument numru K(2000) 1685)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2001/525/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/40/KEE tad-19 ta' Mejju 1992 li jintroduċi miżuri tal-Komunità fuq il-kontroll ta' influwenza avjana [1], kif emendata l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni tal-Awstrija, l-Finlandja u l-Isvezja, u partikolarment l-Artikolu 17(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/66/KEE tal-14 ta' Lulju 1992 li tintroduċi miżuri tal-Komunità fuq il-kontroll tal-marda ta' Newcastle [2], kif emendata l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni tal-Awstrija, l-Finlandja u l-Isvezja, u partikolarment l-Artikolu 21(4) tiegħu,

Billi:

(1) L-influwenza avjana u l-marda ta' Newcastle huma mard li t-tnejn jaffetwaw l-ispeċi avjani.

(2) Il-kriterji li għandhom jiġu applikati meta jiġu mfassla pjanijiet ta' kontinġenza għall-kontroll ta' influwenza avjana u għal marda ta' Newcastle huma mqegħda fl-Anness VI tad-Direttiva 92/40/KEE u fl-Anness VII tad-Direttiva 92/66/KEE, rispettivament.

(3) Il-kriterji ta' pjanijiet ta' kontinġenza elenkati fiż-żewġ l-Annessi li għalihom saret riferenza hawn fuq huma identiċi.

(4) Il-miżuri ta' kontroll tal-mard li għandhom jiġu applikati fil-kaz ta' feġġ ta' influwenza avjana jew mard ta' Newcastle jsegwu l-istess prinċipji u jinvolvu prodotturi ta' tiġieġ, operaturi ta' biċċeriji u impjanti ta' rendiment, veterinarji fil-qasam u laboratorji dijanostiċi. Huwa għalhekk possibli li jiġi preparat kull pjan ta' kontinġenza li jkopri fl-istess ħin influwenza avjana u l-marda ta' Newcastle.

(5) L-Istati Membri ssottomettew għall-approvazzjoni pjanijiet ta' kontinġenza nazzjonali li jelenkaw u jispeċifikaw il-miżuri li għandhom jiġu mwettqa fil-kaz ta' feġġ ta' influwenza avjana u l-marda ta' Newcastle.

(6) Bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/680/KE tat-30 ta' Ottubru 2000 li tapprova pjanijiet ta' kontinġenza għall-kontroll tal-influwenza avjana u l-marda ta' Newcastle [3], pjanijiet ta' kontinġenza mgħotija minn 10 Stati Membri ġew approvati.

(7) Pjanijiet ta' kontinġenza mgħotija minn kull Stat Membru ġew eżaminati u jikkonformaw mal-kriterji stipulati.

(8) Il-miżuri li għalihom hemm pprovduti fit-tali Deċiżjoni huma b'mod konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni 2000/680/KE huwa mibdul bl-Anness ta' hawn.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija ndirrizata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fit-28 ta' Ġunju 2001.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 167, tat-22.6.1992, p. 1.
[2] ĠU L 260, tal-5.9.1972, p. 1.
[3] ĠU L 281, tas-7.11.2000, p. 21.

L-ANNESS

il-Belġju
id-Danimarka
il-Ġermanja
il-Greċja
Spanja
Franza
l-Irlanda
l-Italja
il-Lussemburgu
l-Olanda
l-Awstrija
il-Portugall
il-Finlandja
l-Isvezja
ir-Renju Unit